# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 403/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Willton Gatt**

**Aidon Degiorgio**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Willton Gatt, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 20896M u Aidon Degiorgio, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 203395M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Matul il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awwissu, 2015 gewwa Birzebbugia, ikkommettew serq ta' 3 muturi ta' dghajjes, ghad-detriment ta' Emmanuele Vassallo, David Mifsud, Francis Barbara u/jew persuna/i ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u l-erbgha u disghin euro centezmi (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin, u dan bi ksur ta' l –artikoli 261, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Willton Gatt wahdu:

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D, nhar it-28 ta' April, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Awwissu, 2015 li biha qieghdet lill-appellati taht "Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li jekk jonqsu li jharsu [sic.] din il-Qorti jew jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin, ikunu jistghu jigu kkundannati ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din il-Qorti. Ghaldaqstant, il-Qorti ordnat liz-zewg imputati taht sorveljenza ta' Ufficjal ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) mill-lum";

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Awwissu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn l-appellati instabu hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontrihom, filwaqt li tirrevokaha fil-bqija fis-sens li fir-rigward ta' Aidon Degiorgio tirrevedi t-termini imposti mill-ewwel Qorti ai fini tal-applikazzjoni tal-Probation imposta fuqu filwaqt li fir-rigward ta' Willton Gatt timponi piena permissibbli u fil-parametri tal-ligi u aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz u dejjem ai termini tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi, kif inhu evidenti, dan l-appell jirrigwarda unikament il-piena erogata mill-ewwel Qorti, ossia id-decizzjoni taghha li tqieghed lill-appellat Willton Gatt taht Ordni ta' Probation ghal terminu ta' tlett snin u fl-istess taht sorveljanza ta' Ufficcjal ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn meta l-imputazzjonijiet kienu jinkludu ksur ta' Ordni ta' Probation u ta' recediva u fil-konfront ta' Aidon Degiorgio li tqieghdu sia taht Ordni ta' Probation ghal tlett snin kif ukoll taht sorveljanza ta' Ufficcjal ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn;
2. Fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2017, din il-Qorti *ex officio* issollevat il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata wara li kkonstatat illi mkien f'din is-sentenza ma hemm dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija. Wara li din il-Qorti tat l-opportunita' lill-partijiet jaghmlu

sottomissjonijiet in rigward ikkonsidrat illi l-ewwel Qorti naqset milli tiddikjara li qed issib htija fl-appellati fejn jikkoncernaw l-imputazzjonijiet attribwibbbli lil kull appellat. Ghad illi l-appellati kienu irregistraw ammissjoni, anqas din id-dikjarazzjoni ma tidher kompriza fis-sentenza biex almenu iservi ta' dibattitu ghal-kwistjoni sollevata minn din il-Qorti. L-ewwel Qorti, wara li rrakkontat il-fatti tal-kaz b'riproduzzjoni tac-citazzjoni u wara li ddikjarat li rat il-provi u ezaminat id-dokumenti, hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li semghet ix-xhieda mressqa u wara li rat l-artikoli 261, 267, 270, 49 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, ghaddiet biex tqieghed lill-appellati taht l-ordni ta' probation u ordni ta' sorveljanza;

3. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiprovdi illi meta taghti s-sentenza taghha kontra l-imputat, il-Qorti ghandha tghid il-fatti li taghhom dan kien misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Fil-kaz mqieghed ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti, ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti ddikjarat espressament li l-imputati kienu qed jistabu hatja. Dan ma jistax ikun prezunt u ghandu jkun dikjarat b'mod car u inekwivoku ghaliex in-nuqqas ta' osservanza in rigward igib mieghu nuqqas ta' formalita' sostanzjali msemmi fl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali li bhala konsegwenza iwassal ghat-thassir tas-sentenza appellata;

4. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata minhabba nuqqas ta' osservanza ta' formalita' sostanzjali fiha konsistenti fl-applikazzjoni ta' sanzjoni minghajr dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija;

5. Illi ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fuq il-mertu. Opportunement irid jinghad illi meta jsir hekk, din il-Qorti mhix marbuta bil-piena jew sanzjoni erogata mill-ewwel Qorti kif ukoll illi l-aggravji tal-appell jitqiesu bhala sottomissjonijiet dwar il-mertu;

6. Mill-atti processwali jemergi illi z-zewg appellati kienu rregistraw ammissjoni inkondizzjonata quddiem l-ewwel Qorti (ara l-ezami taghhom a fol 27 u 28 kif ukoll il-verbal tal-udjenza tat-13 t'Awwissu 2015 fejn kienu registrati l-ammissjonijiet fil-presenza tal-avukati difensuri taghhom u konfermati wara li inghataw zmien biex jergghu lura minn dik id-dikjarazzjoni. L-appellati kienu akkuzati illi serqu tlett muturi ta' dghajjes fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awwissu 2015 ghad-detrimenti ta' Emmanuele Vassallo, David Mifsud, Francis Barbara u/ jew persuni ohra. Il-valur ta' dawn il-muturi jeccedi il-€232.94 izda huwa anqas minn €2,329.37 u l-prosekuzzjoni tqis illi jirrafigura l-aggravju tal-valur, tal-lok u dak tal-hin. Kwantu ghall-appellat Wilton Gatt wahdu, l-prosekuzzjoni takkuzah illi kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 bil-kommissjoni ta' dan l-istess reat u li huwa ukoll recediv fit-terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;

7. Mill-fedina penali ta' Willton Gatt jemergi illi fit-28 t'April, 2014 huwa kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' serq kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-lok, ta' ricettazzjoni u reati ohra ta' sewqan minghajr licenzja u polza ta' assikurazzjoni u ta' dan kien ikkundannat ihallas is-somma ta' €2400, kellu l-licenzji tas-sewqan tieghu sospizi ghal sitt xhur u finalment tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn. L-ammissjoni tieghu dwar ir-reat principali ghalhekk igib mieghu il-konsegwenzi kif ravvizati fl-imputazzjonijiet numru 2 u dik numru 3;

8. Bl-ammissjoni tal-appellati, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), (e) u (f), 267, 269, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' Aidon Degiorgio issibu hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu (dik numru 1); u wara li rat l-artikoli 261(c), (e) u (f), 267, 269, 270, 279(a) u 280(1), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' Willton Gatt, issibu wkoll hati tal-istess imputazzjoni kif

ukoll talli kiser il-prvvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u tal-addebitu ta' recidiva, l-imputazzjonijiet enumerati tnejn u tlieta;

9. Wara li rat il-fedina penali nadifa ta' Aidon Degiorgio, tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum b'dan illi stante li gia ghaddew sentejn mis-sentenza li biha kien tqieghed taht Ordni ta' Probation u li l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza, l-appellat gia ghamel sentejn soggett ghal din l-ordni u b'hekk ghandu jitqies li l-ordni jibqa' fis-sehh u jintemm fit-13 t'Awissu, 2018;

10. Fil-konfront ta' Willton Gatt, l-artikolu 23 ta' Kapitolu 446 jippreklu di l-applikazzjoni ta' sanzjoni komunitarja meta imputat jinstab hati ta' ksur ta' *probation order* u sanzjoni komunitarja ohra jew ordni ta' liberazzjoni ex artikou 22(1) tal-istess Kapitolu. Inoltre, l-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali jippreklu di lill-Qorti li tikkundanna lill-hati ghal-sentenza karcerarja sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-istess Kodici meta huwa jkun recidiv fit-termini tal-artikolu 50. Ghalhekk din il-Qorti m' ghandhiex triq ohra hlief li tikkundanna lill-appellat Willton Gatt ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 279(1)(a) u 280 tal-Kodici Kriminali, igifieri ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin li ma tistghax tinghata fil-minimu taghha. Skond l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, dan ifisser illi l-piena ghandu jkun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu u li dan ghalhekk jissarraf f'minimu ta' ghaxar xhur u ghaxart ijiem. Ghalhekk tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' hdax-il xahar mil-lum;

11. Inoltre, fil-konfront tal-hati Willton Gatt, fit-termini tal-artikolu 23(1) (b) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, tibghat lill-istess quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik il-Qorti titratta mieghu ghall-ksur tal-Ordni ta' Probation moghti fis-sentenza tat-28 t'April, 2014.

12. Il-Qorti spjegat bi kliem car l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-Aidon Degiorgio.